MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urġenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 88

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju, 2018 fl-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

AGENDA

88.1 *Traffic Management* fi Triq il-Brunzar u l-Akwati.

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

88.1 Is-Sindku informa lill-membri li kellu jsejjaħ laqgħa b'urgenza minħabba li kien hemm żviluppi fuq il-*Loading/Unloading Bay* fi Triq il-Brunzar. Dawn l-iżviluppi ġew imponuti minn Transport Malta u għaldaqstant għandha tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill dwar dan.

Peress li ż-żona in kwistjoni hija semi-industrijali, wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex issir *Loading/Unloading Bay* fil-fetħa fin-nofs ta' Triq Qormi, u li qedgħa fil-viċinanzi ta' Triq il-Brunzar, bil-ġranet u ħinijiet ikunu nhar ta' Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis mid-9.00am sa' 12.00pm.

Is-Sindku rrimarka ukoll li Transport Malta esprimew il-ħsieb tagħhom fuq it-*traffic management* eżistenti u għaldaqstant stieden lill-Kunsill Lokali għal pjan ħolistku. Ġie nnutat ukoll li Triq Qormi baqgħet *'Two Way'* minkejja li kien hemm pjanti li juru li kellha taqleb għal *'One Way'*.

Is-Sindku rrimarka ukoll li jekk eventwalment il-Kunsill Lokali joħroġ il-permessi lill-operaturi, dawn għandhom jaqblu ma' numru ta' kundizzjonijiet, fosthom:

- Li jinġiebu gwardjani/uffiċjali tal-pulizija/uffiċjali ta' Transport Malta, fuq il-post
- Iħallsu €2.33 għal kull metru kwadru
- *No objection* tal-pulizija
- Il-*forklifters* ikunu *battery operated* sabiex jitnaqqsu l-ħsejjes.

Fid-dawl ta' dan ġie ppropunut ukoll li ssir proposta lil Transport Malta għal possibilta ta' tibdil fit-*Traffic Management* billi:

- Traffiku li jkun fi Triq il-Kanun u tiela minn Triq il-Parroċċa jilwi lejn Triq il-Brunzar.
- Traffiku li jinżel minn Triq l-Inkwina, jdur lejn il-lemin fi Triq il-Brunzar.
- Traffiku li jidħol min Triq il-Kanun għal Triq Ħal-Qormi jsir *'One Way'*.

Għaldaqstant, is-Sindku ippropona wkoll li:

- Issir laqgħa pubblika qabel ma jiġu implimentati dawn t-tibdiliet, sabiex ir-residenti jiġu avżati b'dan it-tibdil.
- Jiġu mistiedna ukoll uffiċċjali ta' Transport Malta u Pulizija

Is-Sindku sostna li qed iżomm statistika ta' xahar fejn fiha qed iżomm rendikont tal-użu tal-*Loading/Unloading Bay* u innota wkoll li:

- Il-*Loading/Unloading Bay* mhix qed tkun użata għal ħafna ħin u għaldaqstant intilfu 3 postijiet ta' parkeġġ.
- Il-*Loading/Unloading* mhix qeda fil-post idejali.
- Triq Qormi għad m'għandniex gwida jekk hix ser tibqa' *'Two Way'* jew issir *'One Way'*.

Għaldaqstant, wara diskussjoni u anke ġew iċċarati xi punti mal-Kunsilliera, ġie deċiż li jiġu mistiedna ir-residenti, flimkien mal-Pulizija u Uffiċjali ta' Transport Malta għal Laqgħa Pubblika sabiex kulħadd ikollu l-opportunita' jesprimi l-opinjoni tiegħu. Is-Sindku jkollu l-opportunita' jippreżenta l-istatistika ta' rendikont tal-użu tal-*Loading/Unloading Bay* u jiġi ippreżentat ukoll l-pjan lir-residenti.

Il-laqgħa Pubblika ser tissejjaħ nhar l-Erbgħa 30 ta' Mejju, 2018 fil-5.30pm.

Il-membri qablu unanimament.

Fis-4.45 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa.

Ikkonfermati llum 28 ta' Mejju, 2018.

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv